## It-Tagħlim tar-Reliġjon

1. L-għalliema trid tkun sensittiva għall-interessi partikulari tat-tfal. Hu f'dan l-ambitu li jrid isir l-ippjanar biex ikun hemm esperjenza ta' tagħlim minn kulħadd.
2. It-tagħlim, l-attivitajiet u l-proġetti jieħdu fil-kunsiderazzjoni il-ħiliet, il-bżonnijiet u l-interessi tat-tfal.
3. Allura, it-tfal jipparteċipaw il-ħin kollu għaliex it-tagħlim ikun kollu addattat għalihom, imsejjes fuq parteċipazzjoni attiva, fuq il-bini tar-relazzjonijiet, fuq metodi flessibbli, fuq li t-tfal ikunu mħollija jistaqsu u fuq it-tagħlim permezz tal-logħob.
4. Il-pedagoġija kostruttivista trid titħaddem il-ħin kollu. Dan hu l-proċess tat-tagħlim li jibni fuq dak li diġà hemm preżenti fit-tfal. Allura, kemm l-għalliema u kif ukoll it-tfal ikunu sħab fil-bini tat-tagħlim.
5. Sabiħ li jkun applikat il-*Godly Play*: *"Godly Play isn't about theatre, although drama can sometimes enter into its sessions. It's more about using play to teach children to have some experience of the mystery of the presence of God in their lives, how to use language and understanding to express it. Children learn through parables and sacred stories to discover God and one another in the world around them."* (Downingtown Friends Meeting)
6. Hemm diversi tema fl-Ewwel Sena: IL-ĦAJJA RIGAL
    a. Alla ħalaq kollox tajjeb u sabiħ – is-sabiħ ta' madwarna u li rridu ngħidu 'grazzi' lil Alla. San Franġisk ukoll.
    b. Qawsalla ta' kuluri – napprezzaw id-differenzi ta' madwarna. Nibdew nersqu lejn xulxin.
    c. Inħobbu lil xulxin bħal aħwa – jibda dieħel l-element tal-maħfra.
    d. Ejjew inkunu ħbieb tajbin – il-ħbieb ta' Ġesù u kif jien inkun ħabib/a tassew. L-element li nitolbu għal xulxin.
    e. Twieled għalina – l-element tar-rigali fil-Milied u li allura Ġesù hu r-rigal ta' Alla għalina. L-istorja tal-Milied li tant iġġib ferħ fina u madwarna.
    f. Salvana – il-kobor tal-qawmien mill-mewt.
7. It-temi tat-Tieni Sena: GĦAL DINJA AĦJAR – b'mod aktar 'matur'.
    a. Id-dinja sabiħa – is-sbuħija ta' madwari u tal-istaġuni – ripetizzjoni addattata ta' dak li ġara fl-Ewwel Sena. Il-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb – l-Innu Malti u l-ġrajja ta' San Pawl
    b. Il-ħbieb iħobbuna – Opportunità tajba biex jiskopru kemm hemm sabiħ f'xulxin – it-tfal li ħabbew lil Ġesù u aħna nħobbu lil Alla -
    c. Il-qalb tajba – L-importanza tal-ferġ, il-paċi, l-imħabba u l-għaqda – Alla li jħobbna u t-talb.
    d. Nilqgħu l-aqwa ħabib – ħafna aspetti differenti tat-talb – infaħħar lil Alla – inkunu qrib xulxin
    e. Ġesù jitwieled bħalna – l-istorja tal-Milied – kif inħejju għalih
    f. Ngħixu bħal Ġesù – Ġesù li bata – mhux dejjem il-ħajja tkun sabiħa minħabba t-tbatija – imma Ġesù, wara li miet għalina, qam.